# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 305/2014**

Il-Pulizija

vs

**Ritianne Cutajar**

Bint Emanuel George, imwielda Pieta', fil-25 ta' Awwissu, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 145181(M)

Illum, 19 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Ritianne Cutajar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-5 ta' April, 2014 meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbutgha b'kuntratt biex taghti access lil Anthony Degabriele ghal uliedkom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-

Artikoli 338(11) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja u ghaldaqstant kkundannatha gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanta Ritianne Cutajaripprezentat fit-8 ta' Lulju, 2014 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja s-setenza fl-ismijiet premessi moghtija fit-30 ta' Gunju 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D. fis-sens illi tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti sabet htija fil-konfront tal-appellanta u tirrevokaha, thassarha u tikkancellaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti mponiet piena ta' gimgha detenzjoni u konsegwentement tikkundanna lill-appellanta ghal piena aktar mita u ideonja fic-cirkostanzi, u dan taht dawk il-provvedimenti li jdirilha xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi mill-provi ta' din i1-kawza rrizulta li skont digriet relattiv l-appellanta kellha taghti access lil certu Anthony Degabriele ghall-minuri u dan taht supervizjoni tal-Appogg u skont l-stess data u hin li l-stess agenzija kienet sejra tindika.

Illi rrizulta li semplicmenet bi zball u b'misunderstanding l-appellanta ma fehmietx id-data u l-hin ta' dan l-access, li kien l-ewwel wiehed minn wara li nghata l-imsemmi digriet. Hija ma riedet bl-ebda mod tfixkel l-access tal-minuri lil Anthony Degabriele.

Illi ghalhekk, ghad li dawn ic-cirkostanzi ma jistghux iwasslu biex l-appellanta tigi liberata l-appellanta tissottometti bir-rispett li l-piena nflitta fuqha kienet wahda eccessiva. Dan qieghed jinghed anke jekk l-istess piena hija fil-parametri tal-ligi, Tenut kont tal-fatt li l-appellanta ghandha fedina penali netta, u li dan kien l-uniku incidenet ta' dan it-tip, l-appellanta tissotometteti li piena ta' karcerazzjoni effettiva hija wahda eccessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-lum il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li l-meritu ta' dan l-appell gie ezawrit u ma kellhux aktar interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma l-htija ta' Ritianne Cutajar fil-meritu ta' dan l-appell. Tilqa l-appell ta' l-istess Ritianne Cutajar dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok piena karcerarja tillibera lill-appellanta taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.